

# Negozji u Snajja qrib il-Knisja ta' San Ġorġ Martri, f'Ħal Qormi

*Kitba tal-Kanonku Dun Feliċ Tabone*

Il-Qriema minn dejjem kienu bieżla u ħabrieka għall-ħobża ta' kuljum. Ħdejn il-knisja parrokkjali tagħna minn dejjem kien hawn ħwienet tas-snajja, tax-xorb, tal-merċa u oħrajn.

Fi sqaq numru 6, kien hemm il-magna tal-għaġin ta' Ġorġ "Ta' Palk", ix-xiħ. Kont tidħol minn bieb kbir f'intrata wiesgħa, u dritt għal ġo bitħa, imdawra bi kmamar li fihom kien jinħadem l-għaġin. Wara dan il-prodott kienu jdendluh fuq il-qasab biex jinxef fuq il-bjut. Ix-xogħol kienu jieħdu ħsiebu wlied Ġorġ; Mikiel, Karmnu, Peppi u Ninu. Magħhom kienu jaħdmu xi nisa Qriema wkoll.

Anqas temmen li dak iż-żmien kien hawn mara li taħdem ta'. mastrudaxxa. Konna nsibuha bħala Netta "Ta' Bajtar". Biex taqla' l-ħobża ta' kuljum, Netta kienet issewwi xi siġġu mkisser u xarbitelli oħra. Kienet tgħix m'ommha xwejħa fi tlett ikmamar. Fuq wara kellha bitħa kbira li kienet tikriha għal xi festa ta' tieġ. F'nhar San Ġorġ, tikriha wkoll biex fiha jbigħu l-fniek moqlija.

Ħdejn il-knisja kien hawn l-ispiżerija tas-Sur Ġużè Cardona, jew Nosi, missier Ġużè Cardona, awtur ta' kotba u studji fl-ilsien Malti. Meta xjieħ ħa ħsieb l-ispiżerija ibnu l-ieħor, Karmenu li miet dan l-aħħar fl-isptar Ta' Sawra, fir-Rabat. F'din l-ispiżerija kienu jservu t-tobba Prof. Kamenu Coleiro, Dr. Podestà u Dr. Ellul.

Fil-qrib kien hemm ħanut taż-żebgħa tal-aħwa ta' "Salmura". Dawn wellewħ lil Fredu Gatt, jew kif konna nsibuħ aħjar bħala Fredu "Taż-Żebgħa". Fredu kien ħabrieki, ilaħħaq mal-ħanut u maċ-Ċirkolu tal-Azzjoni Kattolika, li kien quddiem ħanutu. Kien ibiegħ minn kollox, ħbula, fildiferru, msiemer, żebgħa, ġir, u fi żmien il-Milied ibiegħ il-presepji. Kien isewwi xi ġewża tal-ispiritiera, imexxi xi quddiesa u jqassad ir-rużarju waqt xi purċissjoni.

Ma' ġenb il-ħanut ta' Fredu, kien hemm il-ħanut ta' Wiġi l-"Granċ", mastrudaxxa u skultur fl-injam. Wiġi kien ċajtier. Darba fettillu jgħid ċajta lil wieħed qassis xiħ: qallu li Hitler tefa' bomba kbira fuq il-bokka tal-Purgatorju u qatel l-erwieħ kollha. Miskin dak belagħha, tnikket u tħawwad, għax spiċċatlu l-pappa. Wiġi mar joqgħod San Pawl il-Baħar u ntesa' maż-żmien.

Ħdejn il-knisja kien hemm il-ħanut ta' "Slika", li wara krieh lil Żaren taż-żraben. Ommi, qrib il-festa ta' San

Ġorġ, kienet tibgħatni kultant għand Żaren biex jeħodli l-qies għal żarbun ġdid, u teħodli rasi biex nibża' għalih ħa jservini. Illum dan il-ħanut jagħmel parti minn dar privata.

Ħal Qormi hu magħruf għall-ifran. Ħdejn il-knisja kien hemm tlett ifran, "Tal-Muċċu" x-xiħ, illum spiċċa minn forn, ta' Ġorġ "Il-Paċċ" u "Ta' Bonu". F'dawn l-ifran għadu jinħema l-ħobż mill-aħwa "Taż-Żinger". Dan issibu kif toħorġ minn ħdejn il-kappellun tar-Rużarju. Barra l-ħobż, kienu jaħmu wkoll il-patata l-forn, għaġin, torti u pastizzi nhar ta' Ħadd, u waqt il-quddiesa tal-10:30 ta' filgħodu, fil-knisja kienet tidħol riħa tfuħ li tiftaħlek aptit kbir.

Ħdejn il-knisja wkoll, kien hemm erba' ħwienet tal-merċa: ta' Ninu "Tat-Tuta", dak ta' Ġorġ "Ta' Ġost", li t-tnejn illum għalqu, "Tal-Babotta" mibdul fl-ispiżerija "St. George's", u tal-"Bellusija", li llum hu l-ħanut tad-deheb u l-fidda, "Il-Ġojjel".

Il-ħwienet tal-ħjata kienu tlieta qrib il-knisja: dak ta' Toni u Ġorġ "Tal-Bajdu", iħitu xi qalziet tas-sarċ, xi sidrija u ġlekkijiet li ma kinux jiswew ħafna flus. Ieħor kien ta' "Rikardu", li kien ħajjat tajjeb, imdawwar b'żgħażagħ jaħdmu u jitgħallmu s-sengħa tal-ħjata. It-tielet wieħed kien ta' "Ġilandrì", ħu Dun Ġużepp Zammit. Il-ħanut tiegħu sar parti mid-dar tas-sorijiet Franġiskani.

Sengħa li trid tfittixha bil-fanal biex issibha, hija dik ta' landier. Niftakar lil Ġamri l-"Menek", li kellu daqsxejn ta' kamra żgħira, isewwi, jissaldja u jaqta' l-landa. In-nisa kienu jeħdulu xi borma, xi stanjata tal-kafè, bottijiet għat-tiswija, kollha tal-landa. Kien żmien ta' faqar u biex jinqdew, kienu jużaw dak li ma kienx iqum ħafna.

Naħseb li meta Dr. Ġorġ Zammit, Qormi, kiteb in-novelli li huma ġojjel tal-letteratura Maltija, li jitrattaw dwar Wenzu u Rożi b'rabta mal-ħanut tal-inbid ta' Kurun, ħajruh biex jiktibhom dawn il-ħwienet tax-xorb. Ħdejn il-knisja, sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, kien hemm sitt ħwienet tax-xorb u l-kafè. L-ewwel ħanut tax-xorb kien ta' Ġużeppi ta' "Parisk", illum id-dar ta' neputih Ismael Mizzi, li trabba ma' Ġużeppi u oħtu Marija. Ġużeppi kien jagħmel ix-xorb 'coctail', tajjeb ħafna. Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, kienu jiltaqgħu f'ħanutu xi rġiel refuġjati, jitkellmu u jixorbu xi qatra 'coctail', li kien fadallu "Ta' Parisk".

Faċċata u daqsxejn il-ġewwa, kien hemm il-ħanut ta' "Fieli x-Xiħ". Niftaku jdawwar il-bezzun tal-ġelat fil-bitħa u wara kien joqgħod ibiegħ il-ġelat fil-bieb iż-żgħir ta' ħdejn il-ħanut. Martu kienet toqgħod tbiegħ l-inbid u l-birra fil-ħanut tax-xorb.

Ma' ġenb il-ħanut ta' "Fieli" kien hemm il-ħanut tat-tè ta' Ġorġ "Suldutu" jew "Ta' Faċendi", illum sar ħanut tal-laħam. Ġorġ jew "Ċuċċa" kif kulħadd kien isejjaħlu, kien raġel matnazz, kwiet, nadif u ta' ftit kliem, kultant idaħħan il-pipa. Niftakar li nhar ta' Ħadd, wara

l-quddiesa kantata, jien ma' sħabi l-abbatini, konna mmorru nieħdu xi tazza tè jew kafè. Xi wieħed minna kien jaqbad miegħu b'xi ċajta. Ġorġ kien jitbissem u jkompli b'xogħlu. Nhar il-festa ta' San Ġorġ, "Ċuċċa" kien jieħu ħsieb il-kafè u l-biskuttini għall-qassisin li kienu jiġu jqaddsu fil-festa.

Ma' ġenb il-ħanut ta' "Suldutu", kien hemm il-ħanut tax-xorb ta' Xmun "L-Iskalett", illum "St. George's Confectionery". Meta Xmun telaq lejn l-Amerka, il-ħanut għadda għal għand oħtu Dolor, li kienet tagħmel pastizzi tajbin. Ħanut ieħor tax-xorb kien ta' Żeppa "Tal-Paċċ", it-tifla ta' Pietru. Żeppa kienet tagħmel ukoll pastizzi tajbin. L-aħħar ħanut tax-xorb kien 'Tal-Qems". Wara li għalaq, twaqqa' u nbena bħala aġenzija tal-H.S.B.C. Bank.

Il-ħwienet tal-laħam kienu dawk "Tal-Foli", bieb ma' bieb mal-ħanut tal-merċa ta' Ġorġ "Ta' Ġost", l-ieħor kien ta' Ġanni "Gaxxulli", li kien magħruf għall-mazzit tajjeb li kien jinbiegħ għal qalì. Iżda Ġanni kien ukoll jieħu ħsieb il-festa ta' Santa Marija ta' Fuq Tal-Blat. Kien jagħti xi biċċa mazzit jew bajtar tax-xewk imqaxxar u frisk lill-qassis li kien iqaddes il-quddiesa tal-festa Fuq Tal-Blat, lill-abbatini u d-dilettanti li kienu jgħinuh. Għall-għeluq tal-festa kien jagħmel xi logħob tan-nar ħafif. Ġanni kien jordna speċi ta' vapur żgħir li jdendlu mal-fildiferru. Meta jidlam kif jagħtih in-nar jaqbad jiġri minn Fuq Tal-Blat sal-pjazza tal-wied. Fi triqtu jibda jispara n-nar b'ħafna lwien, li n-nies kienu jogħxew bil-pjaċir.

B'differenza mil-lum, ħdejn il-knisja, kienu joqogħdu diversi qassisin. Niftakar lil Dun Salv Sammut, "Ta' Passari", Dun Ġorġ Scicluna, "Ta' Valenta", Dun Ġużepp Borg Bonavia, "Ta' Faċendi", Dun Ġwann Bonnici 'Tal-Majjistra", Dun Vinċenz Borg "Tal-Gardell", u Dun Ġwann Cassar "It-Twil". Naturalment kien joqgħod ma' ġenb il-knisja, fil-bidu ta' Triq Kardinal Sciberras ukoll il-kappillan Dun Anton Vella li kien mir-Rabat.

Veru li dak iż-żmien ħdejn il-knisja kien hemm ambjent ħaj. Illum mod ieħor. Għebu ħafna mill-ħwienet u ntesew. Ipprovajt inġedded it-tifkira tagħhom biex ma jintesewx.

SWAGGER shoe store

273, Victory Street, QORMI
Mob: 9944 5283
*TISWIJIET TA' ŻRABEN*
*A good selection of shoes at reasonable prices.*
***Nixtiequ l-Festa t-Tajba lil kulħadd.***